MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2001

Citazzjoni Numru. 2134/1999/1

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Michael VELLA pro et noe.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. tas-26 ta’ Jannar, 2001;

Rat id-Degriet taghha tad-9 ta' Marzu, 2001, 12 ta' Gunju, 2001 u 22 ta' Gunju, 2001;

Rat it-Twegiba tal-intimat proprio u nomine tal-11 ta' Lulju, 2001;

Rat in-Nota tal-Bank rikorrent tal-31 ta' Lulju, 2001, flimkien maz-zewg dokumenti mehmuzin mieghu;

Rat l-Art 825 tal-Kap 12;

Tiddikjara li d-Degriet taghha tas-17 ta' Jannar, 2001, laqghet it-talba tal-Bank rikorrent kif redatta fir-Rikors promotur: dan kien jitlob wkoll, u fost l-ohrajn "l-imghaxijiet legali mid-data tal-imsemmi kuntratt". Tali talba ma gietx michuda;

Tiddikjara wkoll li hija semghet ix-xhieda mresqa mill-Bank rikorrent li, matulha, aggorna l-ammonti li hu kien qed jirreklama minghand l-intimat proprio u nomine, liema xhieda (fol 51-2 tal-process) kienet tinkludi provi dokumentali li jaggornaw l-imghaxijiet sat-30 ta' Settembru, 2000;

Illi, ghalhekk, il-kelma "ulterjuri" b'referenza ghall-imghaxijiet fil-parti dispositiva tad-Degriet, kienet tirreferi ghal dak li ma kienx ghadu muri fid-dokumentazzjoni mressqa sa dak inhar, u mhux ic-cahda ta' xi mghaxijiet li tnisslu qabel dak inhar;

Illi, ghalhekk, kien misthoqq il-kumment tal-intimat li d-Degriet huwa car: li ma kienx misthoqq hu li l-intimat jinterpreta d-data ta' meta ghandu jibda l-imghax bhala l-ewwel (1) t'Ottubru, 2000;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ma tarax li ghandha tilqa' t-talba tal-Bank rikorrent ghall-bdila tad-Degriet kif mitlub, liema Degriet ghandu jinqara , jinftiehem u jigi esegwit fid-dawl tat-tifsiriet maghmulin f'dan id-Degriet.

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM-------------------------------